MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT
GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF
GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2011

Appell Civili Numru. 327/2007/1

**Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq**

**v.**

**L-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Artijiet**

**Il-Qorti:**
**Preliminari**

**1.** Dawn huma zewg appelli, wiehed ad istanza tar-rikorrenti u l-iehor ad istanza tal-intimat Kummissarju tal-Artijiet minn sentenza moghtija mill-Prim'awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Novembru 2008.

**2.** L-ewwel Qorti kienet iddecidiet il-kawza billi:

- Cahdet mit-tieni sas-seba' eccezzjoni tal-intimati.

- Laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-Avukat Generali li mhux legittimu kontradittur;

- Laqghet ukoll it-tmien eccezzjoni fis-sens li l-att tal-intimat ma kienx wiehed diskriminatorju u anqas b'disprezz tal-awtorita` tal-Qorti Kostituzzjonali;

- Iddikjarat li l-akkwist tal-fond 115 Triq it-Teatru l-Antik li ghandha entratura ohra fuq 69 Triq l-Ifran, il-Belt Valletta, taht titolu ta' dominju pubbliku huwa irritu u null billi *ultra vires* il-poteri tal-intimati in vista tal-uzu minn terzi ghal-liema l-istess proprjeta` hija destinata.

- Minhabba n-natura tal-kaz l-ispejjez inqasmu zewg terzi ($^{2}/_{3}$) ghall-intimat Kummissarju tal-Artijiet u terz ($^{1}/_{3}$) ghar-rikorrenti.

**It-Talba tar-Rikorrenti**

**3.** Ir-rikorrenti kienet ippremettiet fic-citazzjoni taghha li:

"1. Illi r-rikorrenti hija propjetarja tal-fond 115 Triq it-Teatru l-Antik li ghandha entratura ohra fuq 69 Triq l-Ifran, il-Belt Valletta, kif ukoll sehem indiviz in proprjeta` tal-fondi li jgibu n-numri 112, 113, 114, 116, 117 u 118 Triq it-Teatru l-Antik, u l-fondi numri 68, 68A, 70 u 71 Triq l-Ifran, il-Belt Valletta.

"2. Illi r-rikorrenti kienet ipproponiet kawza kontra l-intimati ghall-vjolazzjoni da parti ta' l-istess intimati tad-drittijiet fundamentali taghha bit-tehid ta' l-istess proprjeta`, il-fond 115 Triq it-Teatru l-Antik li ghandha entratura ohra fuq 69 Triq l-Ifran, il-Belt Valletta, fuq titolu ta' pussess u uzu liema kawza fl-ismijiet "Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq vs Avukat Generali et"

(Rikors Nru. 537/96) giet deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta' Jannar 2007, ezebita mar-rikors u immarkata Dokument A, u gie fost hwejjeg ohra iddikjarat li dak ittehid tal-proprjeta` taghha kien sar bi vjolazzjoni tad-dritt fundamentali taghha ghat-tgawdija tal-proprjeta` taghha kif protett bl-ewwel artikolu ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, u gew ordnati mill-istess Qorti biex jirrientegraw lir-rikorrenti fil-pussess tal-proprjeta` taghha.

"3. Illi sussegwenti ghal din id-decizjoni l-intimati regghu intentaw, b'disprezz car ghad-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, jesproprjaw mill-gdid il-fond appartenenti lir-rikorrenti taht titolu ta' dominju pubbliku u dan permezz ta' zewg avvizi fil-Gazzetta tal-Gvern tat-23 ta' Jannar 2007 kif emendat bl-avviz numru 72 fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern tal-25 ta' Jannar 2007, ezebita mar-rikors u immarkata Dok B, liema l-Gvern ta' Malta iddikjara l-fondi bin-numri 112, 113, 114, 115, 116, 117 u 118 fi Triq it-Teatru l-Antik u l-fondi bin-numru 68, 68A, bieb bla numru, 69, 70 u 71 fi Triq l-Ifran kienu mehtiega mill-awtorita`kompetenti ghall-skop pubbliku u li l-akkwist taghha ghandu jkun b'titolu ta' dominju pubbliku.

"4. Illi skond u ghat-tenur ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skop Pubbliku, u izjed precisament skond l-artikolu 5 ta' l-istess Ordinanza "meta art jehtieg li tigi akkwistata ghan-nom u ghall-uzu ta' terza persuna ghall-iskop li ghandu x'jaqsam ma jew iservi ghall-interess pubbliku jew utilita` pubblika, l-akkwist ghandu, f'kull kaz jsir b'xiri assolut ta' l-art."

"5. Illi huwa evidenti, kif gja irrizulta fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza gja deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fuq citata, li l-proprjeta` in kwistjoni ma hijiex mehtiega ghall-uzu tal-Gvern imma ghall-uzu ta' terzi persuni li qieghdin jaghmel uzu kummercjali mill-istess proprjeta`.

"6. Illi tali procedura hija evidentement kontra dak gja deciz mill-Qorti Kostituzzjonali u tikser bl-iktar mod gravi, minhabba li l-kwistjoni tinsab gja deciza, id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif protett bl-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 14

ta’ l-istess Konvenzjoni u dan billi l-istess t-tehid mhuwiex mehtieg ghal skop pubbliku u li l-akkwist taghha huwa diskriminatorju, minghajr kumpens adegwat u b’disprezz ta’ l-awtorita` tal-Qorti Kostituzzjonali.

“7. Illi pero` apparti dan kollu in vista tal-artikolu 5 ta’ l-Ordinanza fuq imsemmija l-akkwist tal-proprjeta` tar-rikorrenti b’titolu ta’ dominju pubbliku huwa ***ultra vires*** il-poteri ta’ l-intimati u dan billi l-istess proprjeta` hija intiza ghall-uzu ta’ terzi persuni u mhux tal-Gvern ta’ Malta.”

**4.** Ir-rikorrenti talbet li din il-Qorti

“Tiddikjara u tiddeciedi li l-akkwist tal-proprjeta`l-fond 115 Triq it-Teatru l-Antik li ghandha entratura ohra fuq 69 Triq l-Ifran, il-Belt Valletta, taht titolu ta’ dominju pubbliku huwa irritu u null billi ***ultra vires*** il-poteri ta’ l-intimati in vista ta’ l-uzu minn terzi ghal-liema l-istess proprjeta hija destinata, u b’riserva ta’ kull dritt spettanti lir-rikorrenti ghall-vjolazzjoni da parti tal-intimati tad-drittijiet fondamentali taghha kif fuq inghad kif ukoll b’riserva ghal kull dritt ghad-danni kawzati lilha bil-proceduri fuq imsemmija.

“Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-26 ta’ Jannar 2007 kopja ta’ liema giet esebita mar-rikors u mmarkata Dokument C, u bl-ingunzjoni ta’ l-intimati ghas-subizzjoni.”

**L-Eccezzjonijiet tal-intimati**

**5.** L-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Artijiet kienu rrispondew li:

**“IN KWANTU GHALL-ECCEZZJONIJIET:**

“1. Illi preliminarjament, l-Avukat Generali mhuwiex il-legittimu kontradittur ghall-azzjoni a tenur ta’ l-Artikolu 181B tal-Kap 12.

“2. Illi preliminarjament ukoll, in kwantu qieghda titlob id-diskussjoni mill-gdid ta’ meritu li diga gie trattat fittul u deciz fil-kawza fl-ismijiet ***‘Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq vs Avukat Generali et’*** (Rikors Numru 537/96) deciza fit-8 ta’ Jannar 2007 mill-

Qorti Kostituzzjonali, u senjament il-mertu rigwardanti l-konformita` ta’ l-iskop ta’ l-esproprju u tal-uzu tal-fondi in kwistjoni mal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja, l-azzjoni odjerna tikkozza mal-awtorita` tar-*res judicata* stabbilita permezz ta’ l-imsemmija sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-8 ta’ Jannar 2007.

“3. Illi preliminarjament ukoll, in kwantu l-azzjoni tirrigwarda allegat sehem indiviz tar-rikorrenti fil-fondi numru 112, 113, 114, 116, 117 u 118 Triq it-Teatru l-Antik u 68, 68A, 70 u 72 (gja 71) Triq l-Ifran, Valletta liema sehem indiviz gej minn wirt, ir-rikorrenti ghandha qabel xejn iggib il-prova tat-titolu taghha u tal-provenjenza ta’ l-imsemmija ishma indivizi u tad-denunzja ta’ l-istess ishma skond l-Att Dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti (in vista ta’ l-Artikolu 63 ta’ l-istess Att) u skond l-Att XLVII tal-1973 dwar it-Taxxa tal-Mewt u d-Donazzjoni (in vista ta’ l-Artikolu 40 ta’ dak l-Att).

“4. Illi preliminarjament ukoll, in kwantu l-azzjoni tirrigwarda allegat sehem indiviz tar-rikorrenti fil-fondi numru 112, 113, 114, 116, 117 u 118 Triq it-Teatru l-Antik u 68, 68A, 70 u 72 (gja 71) Triq l-Ifran, Valletta, il-gudizzju ma hux integru stante li l-azzjoni ma gietx intavolata mill-komproprjetarji kollha ta’ dawk il-fondi. Dan specjalment in vista tal-fatt illi l-hlas ta’ kumpens ghall-esproprju in kwantu jikkoncerna l-Kummissarju ta’ l-Artijiet isir b’mod intier u d-divizjoni ta’ dak l-ammont bejn id-diversi komproprjetarji hija kwistjoni privata ta’ bejn l-istess komproprjetarji.

“5. Illi subordinament l-intimati jikkontestaw it-talbiet tar-rikorrenti stante li fid-dispozittiv tad-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fuq imsemmija fl-ismijiet ***‘Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq vs Avukat Generali et’*** (Rikors Numru 537/96) deciza fit-8 ta’ Jannar 2007, il-Qorti irriteniet illi l-vjolazzjoni ta’ l-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja ma kenitx tirrigwarda l-iskop li ghalih kienet qieghda tintuza l-proprjeta` izda kienet naxxenti biss mill-fatt illi l-istess rikorrenti kienet qieghdha tigi mgieghla ggor piz sproporzjonat. Dan in-nuqqas ta’ proporzjonalita` kien

limitat ghall-ammont ta' kumpens offrut ghall-kontroll u l-uzu tal-proprjeta` liema ammont kien ferm inqas minn dak li abbazi tieghu l-fond issa gie akkwistat b'titolu ta' dominju pubbliku. Ghaldaqstant ma jsegwi bl-ebda mod illi meta l-Gvern akkwista l-fond b'titolu ta' dominju pubbliku versu kumpens adegwat u proporzjonat huwa b'xi mod wera disprezz lejn id-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali jew wettaq xi diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti. Dan huwa konfermat ukoll fil-provvediment moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili diversament presjeduta fl-10 ta' April 2007 anness mar-risposta u immarkat 'Dok AM8'.

"6. Illi l-intimati qieghdin jeccepixxu formalment ukoll illi l-premessi ta' l-azzjoni in kwantu diretti ghall-kisba ta' dikjarazzjoni li l-akkwist b'titolu ta' dominju pubbliku huwa null u irritu stante li ***ultra vires***, huma wkoll infondati stante li l-akkwist b'titolu ta' dominju pubbliku li kien ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tat-23 ta' Jannar 2007 sar fl-interess pubbliku u sar skond il-Ligi. L-istess akkwist ma sarx 'ghan-nom u ghall-uzu ta' terza persuna' fis-sens tat-tielet *proviso* tal-Artikolu 5 tal-Kap 88 peress li din il-proprjeta` tintuza bhala ***annex*** tat-Teatru Manoel, it-Teatru Nazzjonali u hija fil-pussess tal-Gvern u gestita mill-Manoel Theatre Management Committee. Il-Qorti Kostituzzjonali fid-decizjoni msemmija ikkonfermat illi l-uzu li jsir mill-proprjeta` huwa wiehed fl-interess pubbliku meta ma sabet ebda vjolazzjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti dwar l-uzu taghha u spjegat li proprjeta` privata tista' tittiehed anke biex jigu promossi, anke jekk mill-privat, attivitajiet kummercjali li jkunu direttament, jew forsi anke indirettament, fl-interess pubbliku, sakemm dan l-interess pubbliku, dirett jew indirett, jibqa' jissussisti ghall-perjodu kollu ta' dik l-interferenza. Illi f'dan ir-rigward l-initmati jirreferu ghall-provvediment moghti fl-10 ta' April 2007 minn dina l-Qorti diversament presjeduta wara rikors intavolat mill-intimat Kummissarju ta' l-Artijiet sabiex jigi revokat Mandat ta' Zgumbrament liema mandat inhareg in segwitu ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali. Il-Qorti ikkonfermat illi in linea mas-suespost, l-interpretazzjoni li trid tinghata lid-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali hija illi l-vjolazzjoni ta' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll kienet

tikkonsisti fin-nuqqas ta' proporzonalita` u mhux nuqqas ta' interess pubbliku.

"7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-akkwist taht titolu ta' dominju pubbliku sar sabiex il-Gvern jottempera ruhhu mad-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali u l-Gvern offra kumpens illi huwa proporzjonali meta ikkumparat mal-piz illi r-rikorrenti qieghdha ggor. Il-kumpens fl-ammont ta' wiehed u ghoxrin elf Lira Maltin (Lm21,000) fis-sena (u cioe` aktar minn Lm57 kull jum), meta ikkalkolat jirraprezenta ammont ta' ftit aktar minn disa u hamsin darba aktar mill-kumpens totali ta' Lm355 li kien offrut ghall-fondi kollha in kwistjoni qabel ma nghatat is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali. Hawnhekk izda l-intimati jipprecizaw illi s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali kienet limitata ghall-fond numru 69 Triq l-Ifran kantuniera ma' 115 Triq it-Teatru li ghalih specifikament kien offrut l-ammont ta' Lm210 fis-sena ghall-pussess u uzu mis-somma komplessiva ta' Lm355 fuq imsemmija.

"8. Illi l-akkwist b'dominju pubbliku, kuntrarjament ghal dak allegat mir-rikorrenti, kien mehtieg ghal skop pubbliku, sar skond il-Ligi, ma jikkostitwix esproprju ghan-nom u fl-interess ta' terzi fit-termini tat-tielet *proviso* ta' l-Artikolu 5 tal-Kap 88 u l-kumpens huwa adegwat u ghaldaqstant, la huwa diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrenti u wisq inqas ma sar b'disprezz ta' l-awtorita` tal-Qorti Kostituzzjonali u, anzi sar proprju biex il-Gvern jottempra ruhu mas-sentenza ta' dik il-Qorti.

"9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjez."

**6.** L-intimati wiegbu wkoll ghad-dikjarazzjoni tal-fatti msemmija mir-rikorrenti.

**Is-sentenza Appellata**

**7.** L-ewwel Qorti, wara li ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghha ta' dritt u ta' fatt, immotivat is-sentenza taghha hekk:

**"Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur.**

"Illi l-Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur billi "il-kawza odjerna tista' u ghandha ssir biss kontra l-Kummissarju tal-Artijiet stante li l-esproprju ghad illi jinhareg f'isem il-Gvern in generali jigi ezegwit minnu u huwa ghalhekk huwa l-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern inkarigat minn din il-branka ta' l-amministrazzjoni anke jekk fil-fatt jesegwixxi ddirezzjonijiet tal-Gvern in generali".

**"Res Judicata**

"Din il-Qorti irriflettiet fuq dan l-aspett izda jinghad li wiehed mill-elementi tar-*res judicata* huwa l-istess meritu. Jidher car li l-meritu taz-zewg kawzi mhux identiku. Il-bazi ta' l-ewwel kawza kienet l-esproprijazzjoni fuq il-bazi ta' pussess u uzu waqt li f'dik odjerna hemm l-esproprijazzjoni taht titolu ta' dominju pubbliku. Naturalment anke d-data tal-espropriju hija differenti. Fil-kawza odjerna r-rikorrenti sostniet li proprjeta` in kwistjoni ma hijiex mehtiega ghall-uzu tal-Gvern imma ghall-uzu ta' terzi persuni li qieghdin jaghmel uzu kummercjali mill-istess proprjeta`; ziedet li dan ma jistax isir b'esproprijazzjoni b'titolu ta' dominju pubbliku"

**"Diskriminazzjoni**

"Il-Qorti f'dan l-istadju taqbel ma' dak li sostna l-Avukat Generali li l-allegazzjoni tar-rikorrenti ta' allegat lezjoni ta' l-Artikolu 14 hija infondata u dan peress illi l-kawza odjerna ma hix kawza kostituzzjonali fejn qed jigi sindikat jekk kienx lez *o meno* xi dritt fondamentali tar-rikorrenti izda hija kawza fejn qieghed jigi sindikat jekk il-Gvern jistax legalment jakkwista proprjeta` b'titolu ta' dominju pubbliku. Dan apparti li kif gie dejjem ritenut, l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni m'ghandux ezistenza separata izda jrid dejjem jigi ezaminat flimkien ma' disposizzjonijiet ohra ta' l-istess Konvenzjoni li jiggarantixxu it-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati fil-Konvenzjoni. Taqbel ukoll li mhux kull "distinzjoni" necessarjament tammonta ghal "diskriminazzjoni" fis-sens ta' l-Artikolu 14 u dan kif gie ben osservat mill-Qorti Ewropea fil-kaz **Spadea and Scalabrino v. Italy"**

**“Integrita’ tal-gudizzju.**

“Il-Qorti tirrileva li bl-istess dikjarazzjoni l-Gvern ha l-pussess ta’ zewg proprjetajiet, wahda li kienet tappartjeni esklusivament u divizament lir-rikorrenti wahedha u mhux ma’ haddiehor, waqt li ghar-rigward l-ohra r-rikorrenti ghandha sehem indiviz. Dwar ta’ l-ewwel certament li hemm l-integrita` tal-gudizzju biex ir-rikorrenti tippromwovi l-azzjoni odjerna. Dwar dik fejn hija in parti proprjetarja, hawn ukoll ghandha d-dritt bhala kull sid parzjali iehor li tippromwovi l-azzjoni taghha biex tattakka att amministrattiv u mhux necessarju li jkun hemm is-sidien kollha.”

**“Fil-mertu,** wara li siltet parti mis-sentenza ***‘Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq vs Avukat Generali et’*** (Rikors Numru 537/96) deciza fit-8 ta’ Jannar 2007, ikkonkludiet hekk dwar il-propronabilita’ tal-kawza odjerna:

““Minn dan jemergi car li hemm vjolazzjoni ta’ l-artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll minhabba li l-appellata (u qabilha l-awturi taghha) qed tigi mitluba jgorru *“a disproportionate burden”*, u fuq din il-bazi aktar milli minhabba l-iskop li ghalih il-palazz qed jintuza issa, u ghalhekk il-Qorti ikkonfermat is-sejbien ta’ l-ewwel Qorti li fil-kaz *de quo* hemm vjolazzjoni ta’ l-artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Dan jaghmilha cara li fuq din il-bazi l-attrici kellha kull dritt li tistitwixxi l-kawza odjerna, u tichad l-eccezzjoni ta’ l-Avukat Generali f’dan ir-rigward”.

“Dwar il-validita’ ta’ l-esproprju li sar wara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-2007 l-Ewwel Qorti sostniet hekk:

““Huwa ghallhekk car li l-uzu tal-fond esproprjat certament mhux uzu tal-Gvern imma uzu tal-privat. Ladarba hemm l-uzu mill-privat allura l-akkwist kellu bil-fors isir taht titolu ta’ xiri assolut u ma setax isir taht titolu ta’ dominju pubbliku. Il-fatt li s-sejha ghall-offerti li nharget tirrigwarda l-provvediment ta’ servizz ta’ *catering* u mhux ta’ kirja tal-fond in kwistjoni ma taffetwax dan.”

“Hi kompli tghid hekk:

““Bazikament fejn ma jidhlux l-elementi ta’ process ekonomiku, socjali jew riforma politika ghandu jkun hemm rimbors tal-valur fis-suq. Ghalhekk fejn l-uzu ma jkunx mill-Gvern imma jkun mit-terz jkun jonqos il-gustifikazzjoni li kieku forsi tippermetti lill-individwu biex jinghata inqas mill-valur shih fis-suq. Dan iwassal ghal li meta l-Gvern jesproprja u jiehu proprjeta` biex imbaghad jikriha lil entitajiet kummercjali ghall-uzu ta’ negozju, l-esproprju irid jkun taht titolu ta’ xiri assolut. Dan hu dak li gara f’ dan ilkaz. Din hi l-interpretazzjoni korretta tal-*Proviso* fl-isfond tad-Drittijiet Fondamentali. Hawn m’ahniex nezaminaw xi kaz ta’ *slum clearance area,* jew ta’ riformi socjali (ukoll fis-sens wiesgha) fejn il-Gvern m’huwiex tenut illi jhallas il-valur shih tal-proprjeta` esproprjata (vide **The Holy Monasteries v. Greece**, decizjoni tad-9 ta’ Dicembru 1994, *Series* A no. 301-A, p. 35, at 71). Ghalhekk ghandu japplika t-tielet *proviso* ta’ l-Artikolu 5 tal-Kap. 88 ghal dan il-kaz ghax altrimenti r-rikorrenti tispicca biex tiehu biss frazzjoni tal-valur ta’ dak li ttiehdilha u dan bi vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali. Din il-Qorti ma taqbilx li t-tehid f’dan il-kaz mhux ghall-uzu ta’ terza persuna u li l-iskop huwa purament ghal skop pubbliku.”

**Rikors tal-Appell tar-rikorrenti Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq.**

**8.** Ir-rikorrenti appellat mis-sentenza surreferita tal-ewwel Qorti u talbet li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata <u>hlief</u> fejn laqghet <u>l-ewwel eccezzjoni</u> tal-Avukat Generali li mhux legittimu kontradittur u inkwantu laqghet <u>it-tmien eccezzjoni</u> fis-sens li l-att tal-intimat mhux diskriminatorju u anqas b’disprezz tal-Awtorita` tal-Qorti Kostituzzjonali u minflok tichad l-ewwel u t-tmien eccezzjoni bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati.

**9.** L-aggravji taghha fil-qosor huma s-segwenti:

i. Ghalkemm huwa minnu li l-Kummissarju tal-Artijiet hu legittimu kontradittur u ghandu r-rapprezentanza

tad-Dipartiment tal-Artijiet, dan il-fatt wahdu ma jwassalx ghall-eskluzzjoni tal-Avukat Generali. L-esproprju hareg taht il-firma tal-President ta' Malta, ghalhekk il-Gvern kien involut, konsegwentement l-Avukat General, li jirrapprezenta l-Gvern in gudizzju, kellu jibqa' in kawza.

ii. Fit-tieni lok il-kwistjoni tad-diskriminazzjoni hija rilevanti f'kawzi dwar stharrig gudizzjarju indipendentement mir-riflessi ta' dak il-fattur f'kawza kostituzzjonali[1]. Fil-kaz in ezami, skont ir-rikorrenti, id-diskriminazzjoni tirrizulta b'mod evidenti ghaliex fil-kazijiet kollha fejn il-Gvern jesproprja dan sar taht titolu ta' xiri assolut, filwaqt li fil-kaz tar-rikorrenti l-esproprju sar taht titolu ta' dominiju pubbliku.

**L-Appell tal-Kummissarju tal-Artijiet[2]**

**10.** Il-Kummissarju tal-Artijiet appella wkoll mis-sentenza tal-ewwel Qorti billi, skont hu, l-ewwel Qorti ma messhiex sabet li l-akkwist tal-fond kien null billi *ultra vires* il-poteri tal-intimati u ghalhekk talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tirrevokaha inkwantu laqghet it-talba tar-rikorrenti tilqa' minflok l-eccezzjonijiet tieghu u tikkonferma s-sentenza fejn laqghet l-ewwel u tmien eccezzjoni.

**11.** Fil-qosor l-aggravji tal-appellant Kummissarju tal-Artijiet huma s-segwenti.

i. Il-kawza kif intavolata mir-rikorrenti hija wahda improponibbli *ai termini* tal-Artikolu 6 tal-Kap. 88.

ii. L-ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni hazina tal-ligi fis-sens li interpretat hazin it-tielet proviso tal-Artikolu 5 tal-Kap. 88.

iii. Illi l-ewwel Qorti kienet skorretta meta ddecidiet li *"ladarba hemm l-uzu mill-privat allura l-akkwist*

[1] Ir-rikorrenti qed tappella wkoll ghax l-att huwa null billi kien wiehed diskriminatorju. Hi qed titlob rimedju f'gudizzju separat minhabba vjolazzjoni tad-dritt fundamentali taghha li ma ssofrix diskriminazzjoni taht l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni.

[2] L-ewwel Qorti ddikjarat li l-Avukat Generali mhux legittimu kontradittur.

*kellu bil-fors isir taht titolu ta' xiri assolut"* fir-rigward tar-*restaurant* u *cafeteria* tal-*annex* tat-Teatru Manoel.

iv. Illi mhux korrett li jinghad li f'kaz ta' 'pussess u uzu' l-kumpens huwa hlas ta' kera tal-gharfien.

v. L-ewwel Qorti kienet zbaljata fl-interpretazzjoni tal-kuncett ta' *res judicata.*

vi. Illi l-ewwel Qorti filwaqt illi cahdet is-seba' eccezzjoni tal-appellant 'ghar-ragunijiet moghtija taht D7', l-istess D7 ma ghandha l-ebda konkluzzjoni tal-Qorti izda tikkonsisti biss fi brani mehuda min-noti tal-partijiet.

vii. L-ewwel Qorti injorat ghal kollox n-nuqqas ta' prova da parti tar-rikorrenti tad-denunzja tas-sehem indiviz illi l-istess rikorrenti tippretendi li ghandha fil-fondi inkwistjoni, liema sehem gej minn wirt.

**It-Twegibiet**

**12.** Iz-zewg appellanti pprezentaw ir-risposti taghhom tal-appell fejn l-aggravji relattivi ta' kull appellant gew kollha kontestati.

**Kronologija tal-fatti li dwarhom il-partijiet qablu.**

**13.** Il-mertu tal-kawza jirrigwarda l-fond maghruf bhala 'Palazzo Bonici' li jinsab f'115, Triq it-Teatru kantuniera ma' 69, Triq l-Ifran, Valletta, liema bini illum jinfed mal-Manoel Theatre.

Permezz ta' Dikjarazzjoni datata 25 ta' Frar 1958, il-Gvernatur ta' Malta kien iddikjara illi dan il-bini kien '*mehtieg mill-awtorita` kompetenti ghal skop pubbliku' u illi l-proprjeta` kellha tinkiseb ghall-'pussess u uzu' taghha ghal dak iz-zmien illi l-bzonnijiet tal-iskop pubbliku jitolbu*'. Dak iz-zmien il-fond kien delapidat minhabba l-azzjoni tal-ghadu u kien mitluq u dizabitat.

Fil-5 ta' Awwissu 1976, il-Kummissarju tal-Artijiet hareg avviz ghall-ftehim b'offerta ta' kera ta' akkwist ta' Lm210

fis-sena. Din l-offerta ma gietx accettata u nbdew il-proceduri quddiem il-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet.

Fl-1996 ir-rikorrenti intavolat proceduri kostituzzjonali (Rikors 537/96) fejn ilmentat minn ksur ta’ drittijiet fundamentali taghha taht l-Artikolu 6, 14 u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja. Il-Prim’awla (Sede Kostituzzjonali) fit-18 ta’ Jannar 1999 kienet iddecidiet li kien hemm ksur taht l-Artikolu 6 u taht l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja, izda astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba taht l-Artikolu 14. Sar appell minn din is-sentenza u l-Qorti Kostituzzjonali permezz ta’ sentenza tat-8 ta’ Jannar 2007 ikkonfermat dik il-parti tas-sentenza fejn iddikjarat nulla u bla effett id-dikjarazzjoni tal-Gvernatur tal-25 ta’ Frar 1958, u fejn ordnat li l-fond jigi rilaxxjat favur ir-rikorrenti (**bil-precizazzjoni li l-vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tikkonsisti fin-nuqqas ta’ proporzjonalita` u bilanc)** u astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba taht l-Artikolu 14, u rrevokat s-sentenza fil-bqija. Baqa’ riservat favur ir-rikorrenti kull dritt ghall-hlas dovut lilha ghall-okkupazzjoni u uzu minn terzi tal-proprjeta` inkwistjoni fuq il-medda taz-zmien.

Wara din is-sentenza u precizament fil-11 ta’ Jannar 2007 ir-rikorrenti talbet il-hrug ta’ mandat ta’ zgumbrament kontra l-intimat. Qabel ma l-mandat gie ezegwit il-President ta’ Malta ghamel dikjarazzjoni ai termini tal-Artikolu 3 tal-Kap. 88 u ghall-ghanijiet tal-Artikolu 9 tal-istess Kap. 88 li permezz taghha gie dikjarat li l-fond *de quo* kellu jinkiseb mill-gvern b’titolu ta’ dominju pubbliku b’kera ta’ gharfien ta’ Lm 21,000 fis-sena.

L-intimat kien imbaghad talab ir-revoka tal-mandat ta’ zgumbrament u l-Qorti b’digriet tal-10 ta’ April 2007 laqghet it-talba ordnat li ma jigix ezegwit il-mandat hlief jekk u meta jkun hemm sentenza definittiva li tghid illi ma jiswiex it-tehid tal-proprjetà bis-sahha tad-dikjarazzjoni tal-President ta’ Malta tat-22 ta’ Jannar 2007. Dan id-digriet gie kkonfermat mill-Qorti tal-Appell fil-10 ta’ Mejju 2007.

Ir-rikorrenti fil-15 ta’ Jannar 2007 permezz ta’ rikors pprezentat fil-kawza kostituzzjonali deciza fit-8 ta’ Jannar 2007 talbet, *ai fini* tal-Art. 235 tal-Kap. 12, li jigu likwidati d-danni. Dik it-talba izda giet michuda mill-Qorti, kemm fil-Prim Istanza kif ukoll fl-Appell billi t-talba kif saret kienet improponibbli.

Ir-rikorrenti ghalhekk ipprezentat proceduri ohra ordinarji li ghadhom pendenti quddiem il-Prim’awla (1281/07/TM) fejn talbet id-danni ghall-perjodu bejn l-1958 u 2007.
Il-kawza odjerna giet pprezentata fit-23 ta’ Marzu 2007 fejn ir-rikorrenti talbet li jigi dikjarat li t-tehid tal-proprjeta` b’titolu ta’ dominju pubbliku hija *ultra vires* billi qed jigi allegat li l-proprjeta` ttiehdet ghal uzu ta’ terzi mhux tal-Gvern.

Fil-11 ta’ Novembru 2008 il-Prim’awla tal-Qorti Civili laqghet it-talba kif proposta mir-rikorrenti li l-akkwist tal-proprjeta` inkwistjoni taht titolu ta’ dominju pubbliku huwa irritu u null billi *ultra vires* il-poteri tal-intimati in vista tal-uzu minn terzi ghal-liema l-istess proprjeta` hija destinata.

**Proceduri ohra promossi mir-rikorrenti li huma b’xi mod konnessi ma’ dan l-appell.**

**14.** Ir-rikorrenti pprezentat ukoll appell minn din is-sentenza Citaz.Nru.327/2007LFS dwar l-istess mertu fil-Qorti Kostituzzjonali.

**15.** Flimkien ma’ Nicholas Jensen u Irene mart John Bache r-rikorrenti pprezentat kawza ohra Citaz.Nru. 392/2007 RCP fejn ressqet l-istess talba bhal dik odjerna pero` fuq fondi attigwi numri 112, 113,114, 116,117 u 118 fi Triq it-Teatru l-Antik u l-fondi bin-numru 68, 68A, bieb bla numru, 70 u 71, illum immarkati 72 fi Triq l-Ifran, il-Belt Valletta fejn hi ghandha sehem indiviz. Din il-kawza giet deciza fit-18 ta’ Gunju 2009 mill-Prim Istanza u minn din il-Qorti llum stess.

**16.** Ir-rikorrenti pprezentat ukoll applikazzjoni quddiem il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (App. Nru. 26771/07) fejn ilmentat dwar it-tul tal-proceduri u n-

nuqqas ta’ rimedju effettiv fir-rigward tal-proceduri fil-kawza 537/1996 deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta’ Jannar 2007. Din l-applikazzjoni giet deciza fil-5 ta’ April 2011. Il-Qorti ddikjarat li kien hemm lezjoni fuq dewmien u dwar l-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll (din il-lezjoni kienet gia` nstabet fil-Qorti Maltija). Ma nstabitx vjolazzjoni tal-Artikolu 13. Ir-rikorrenti nghatat *non-pecuniary damage* u spejjez.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

**17.** Il-Qorti issa sejra tiddeciedi l-ewwel aggravji preliminari tal-appellanti li ma jolqtux il-mertu ta’ din il-vertenza.

**18.** Il-Qorti qed taghmel car mill-bidunett dak li ntalab u dak li qed jigi appellat minnu billi l-atti huma voluminuzi u saret referenza ghall-diversi kawzi u sentenzi ohra ta’ Malta u ta’ barra u malajr jista’ jintilef l-iskop tal-kawza. It-talba tar-rikorrenti hi li t-tehid tal-fond kien *ultra vires* il-poteri tal-intimati in vista tal-uzu minn terzi ghal-liema l-istess proprjeta` hija destinata. L-ewwel Qorti laqghet din it-talba. L-aggravji tar-rikorrenti f’dan l-appell huma tnejn, u jirrigwardaw iz-zewg eccezzjonijiet tal-intimati li gew milqugha mill-ewwel Qorti, dwar il-legittimu kontradittur u d-diskriminazzjoni.

**Aggravju tar-rikorrenti appellanti li l-Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur.**

**19.** Ir-rikorrenti tissottometti li huwa minnu li l-Kummissarju tal-Artijiet huwa legittimu kontradittur, ghandu r-rapprezentanza tad-Dipartiment tal-Artijiet u huwa direttament involut, imma dan il-fatt wahdu ma kellux iwassal ghall-eskluzzjoni tal-Avukat Generali mill-kawza. L-esproprju nhareg taht il-firma tal-President ta’ Malta, u jinvolvi r-responsabilta` tal-Gvern kollu, ghalhekk l-Avukat General, li jirrapprezenta l-Gvern in gudizzju, kellu jibqa’ in kawza f’dik il-vesti.

**20.** Illi fil-kaz in ezami l-kawza m’hijiex intiza biex tigi timpunjata l-validita` tal-ligi, cioe` l-Kap. 88, jew xi

disposizzjoni partikolari taghha, izda saret sabiex jigi dikjarat null it-tehid mill-Gvern tal-fond inkwistjoni. Dak il-tehid sar skont il-Kap. 88 mill-Kap tad-Dipartiment inkarigat, cioe` il-Kummissarju tal-Artijiet. Ghalhekk la darba l-Gvern qieghed fil-kawza permezz tal-Kummissarju tal-Artijiet ma hemmx ghalfejn li hu jkun rapprezentat ukoll mill-Avukat Generali.

**21.** Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi michud.

**Improponibilita` tal-azzjoni taht l-Artikolu 6 tal-Kap. 88.**

**22.** Fl-ewwel aggravju tieghu, il-Kummissarju tal-Artijiet jissottometti li skont l-Artikolu 6 tal-Kap. 88 il-kawza odjerna hija improponibbli billi dan l-artikolu jipprojbixxi li tintalab prova tal-iskop pubbliku msemmi fl-Artikoli 3 u 4 u fl-Artikolu 8(1) minbarra d-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta.

**23.** Ir-rikorrenti wiegbet li dak li hija qeghdha titlob mhux li jigi investigat semplicement jekk it-tehid kienx strettament ghall-skop pubbliku jew le, imma jekk dan it-tehid taht dak it-titolu partikolari setax isir mill-awtorita` fil-fattispecie partikolari tal-kaz taghha. Issostni li l-intimat ma jistax jittrincera ruhu wara l-paraventu li, skont il-ligi, l-iskop tat-tehid ma jistax jigi investigat mill-Qorti.

**24.** Dwar din il-kwistjoni, il-Prim'awla tal-Qorti Civili, f'sentenza moghtija fil-gurisdizzjoni ordinarja taghha fil-5 ta' Marzu 2004 *in re* **Ganni Farrugia et *versus* Kummissarju tal-Artijiet** kienet qalet hekk:

"Madankollu, ma hix ta' ostakolu ghat-talbiet ta' l-attur id-dispozizzjoni ta' l-art. 6 tal-Kap. 88, li jghid illi hadd ma' jista' jitlob prova ohra ta' l-iskop pubbliku minbarra d-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta. L-interpretazzjoni korretta ta' din id-disposizzjoni, maghmula wkoll fid-dawl tad-disposizzjonijiet li jharsu l-jeddijiet fondamentali, ma hix illi "huwa l-konvenut cjoe' il-gvern li kellu jgib il-prova illi sa mill-bidu t-tehid ta' l-art kien fl-interess pubbliku", izda l-interpretazzjoni t-tajba, fil-kuntest ta' proceduri

ordinarji, hija li, ghalkemm il-gvern ma ghandu ghalfejn igib ebda prova ohra minbarra d-dikjarazzjoni tal-President ta’ Malta, il-prezunzjoni mahluqa b’dik id-dikjarazzjoni ma tistax tkun wahda *iuris et de iure* biex il-Kap. 88 jibqa’ kompatibbli mal-ligijiet li jharsu l-jeddijiet fondamentali, u tkun meghluba jekk jintwera li ma kienx hemm l-iskop pubbliku li trid il-ligi biex it-tehid ta’ l-art ikun jiswa”. (Ara wkoll f’dan is-sens is-sentenza ta’ dina l-Qorti **Edwards et vs Kummissarju ta’ l-Artijiet** et deciza fis 7 ta’ Ottubru 2005).

**25.** F’kazijiet ta’ stharrig gudizzjarju l-Qorti ghandha l-kompitu li tara jekk it-tehid huwiex ghall-skop pubbliku jew le u jekk huwiex *ultra vires* il-poteri tal-Kummissarju tal-Artijiet, u dan aktar u aktar fid-dawl tal-gurisprudenza ta’ din il-Qorti u dik ta’ Strasbourg li titlob li l-Gvern ghandu jaghmel il-prova li dak it-tehid kien wiehed ghall-skop pubbliku.

**Res Judicata.**

**26.** L-intimat jissottometti li l-ewwel Qorti interpretat skorrettement il-kuncett ta’ *res judicata*. Hu jghid li f’dan il-kaz u fil-kaz deciz fit-8 ta’ Jannar 2007 il-partijiet huma l-istess, il-fond huwa l-istess u l-mertu, cioe` l-iskop li ghalih gie akkwistat il-fond, huwa l-istess[3]. L-uzu li kien qed isir mill-fond baqa’ l-istess, u kien biss it-titolu li nbidel.

**27.** Illi mill-atti processwali jirrizulta li l-kontestazzjoni f’din il-kawza hija dwar jekk it-tehid kienx wiehed *intra vires* jew *ultra vires*, cioe` dwar stharrig gudizzjarju, mentri fil-kawza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-8 ta’ Jannar 2007 fuq citata t-talbiet kienu ta’ natura kostituzzjonali fejn il-Qorti ntalbet biex tiddikjara li kien hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti. Ghalhekk billi ma hemmx l-istess *eaedem causa petendi* l-aggravju tal-intimat appellant dwar *res judicata* ma jistax jigi milqugh.

[3] L-intimat jargumenta li biex il-Qorti Kostituzzjonali ddecidiet li kien hemm *disproportionate burden* dan ifisser li l-esproprju kien fl-interess pubbliku u allura din il-kwistjoni hija *res judicata*.

## Nuqqas ta' Denunzja

**28.** L-intimat appellant jissottometti li r-rikorrenti hija prekluza milli tipproponi l-kawza *de quo* billi l-ligi tat-taxxa fuq is-successjoni hija tassattiva u mandatorja[4] u r-rikorrenti ma gabet ebda prova li d-denunzja tas-sehem indiviz li qed tippretendi li ghandha fuq il-fondi bin-numri 112, 113,114, 116,117 u 118 fi Triq it-Teatru l-Antik u l-fondi bin-numri 68, 68A, 70 u u 72 (gia` 71), fi Triq l-Ifran, il-Belt Valletta, liema sehem indiviz gej minn wirt.

**29.** L-intimat jargumenta li billi d-Dikjarazzjoni tal-President li qed tigi attakkata fil-kawza odjerna tikkoncerna l-binja kollha li tifforma l-*annex* tat-Teatru Manoel, din tinkludi wkoll il-fondi fuq indikati ghalhekk kellha ssir id-denunzja anke tal-fond in ezami. Ghalkemm dan huwa minnu pero` t-talba f'din il-kawza tirrigwarda biss il-fond 115 Triq it-Teatru l-Antik li ghandu entratura ohra fuq 69 Triq l-Ifran, il-Belt Valletta u mhux l-ohrajn. Inoltre, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-provvediment tal-ligi li semma l-intimat m'ghandux jippreKludi persuna li trid tiddefendi l-interessi taghha f'kawza ta' stharrig gudizzarju fejn qeghdha tikkontesta t-titolu tal-istess fond.

## Aggravji fil-mertu

**30.** Principalment il-kwistjoni kollha, u l-unika talba tar-rikorrenti, hija dwar jekk il-proprjeta` in ezami setghetx tittiehed b'dominju pubbliku mill-Gvern minhabba dak li jiprovvdi l-Artikolu 5(3) tal-Kap. 88 u dan ukoll wara d-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tat-8 ta' Jannar 2007. Ir-rikorrenti ghamlitha cara f'aktar minn okkazzjoni wahda li l-kawza hija wahda dwar stharrig gudizzjarju u mhux wahda ta' natura kostituzzjonali. Fil-fatt hi ghamlet riserva fit-talba taghha ghal kull dritt spettanti lilha ghall-vjolazzjoni da parti tal-intimati tad-drittijiet fundamentali taghha kif ukoll ghal kull dritt ghad-danni kawzati lilha.

[4] L-Artikolu 63 tal-Kap. 364 u l-Artikolu 40 tal-Att ta' 1973 dwar it-Taxxa tal-Mewt u tad-Donazzjoni li kienet il-ligi vigenti meta miet il-Markiz Alfio Testaferrata Bonici Ghaxaq fis-sena 1988.

**31.** Fit-tieni aggravju tieghu l-intimat jilmenta li l-ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni hazina tat-tielet proviso tal-Artikolu 5 tal-Kap. 88 u kienet skorretta meta ddecidiet li *"ladarba hemm l-uzu mill-privat allura l-akkwist kellu bil-fors isir taht titolu ta' xiri assolut"* fir-rigward tal-ambjenti li qed jintuzaw mill-privat fl-*annex* tat-Teatru Manoel (ara tielet aggravju).

**32.** Ir-rikorrenti ssostni li l-agir tal-Kummissarju kien wiehed *ultra vires* billi huwa ma kellux dritt li jiehu l-proprjeta` taghha b'titolu ta' dominju pubbliku fic-cirkostanzi tal-kaz stante li t-tehid sar fl-interess tal-privat u ma sarx skont il-ligi.

**33.** Illi l-ghemil amministrattiv illi r-rikorrenti qeghdha tilmenta minnu huwa tehid ta' proprjeta` taghha u cioe` l-fond 115 Triq it-Teatru l-Antik li ghandu entratura ohra fuq 69 Triq l-Ifran, il-Belt Valletta, liema tehid sar taht titolu ta' dominju pubbliku permezz ta' avvizi ppubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern fil-2007[5].

**34.** Ir-rikorrenti ssostni li l-ghemil huwa *ultra vires* billi jmur kontra dak li jipprovdi t-tielet proviso tal-Artikolu 5 ta' Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta billi l-intimati ma kellhomx il-poter illi jiehdu l-proprjeta` taht titolu ta' dominju pubbliku izda biss b'xiri assolut. Ir-rikorrenti tikkontendi li l-esproprju sar ghall-uzu ta' terzi u cioe` l-*Manoel Theatre Management Committee* li hija entita` distinta mill-Gvern u ghalhekk ghandha tkun ikkunsidrata bhala terza persuna *ai fini* tal-istess ligi.

**35.** L-intimat min-naha l-ohra jghid li l-fondi inkwistjoni ttiehdu b'esproprjazzjoni fl-interess pubbliku u mhux fl-interess ta' xi ndividwu privat partikolari u dan biex jintuzaw ghall-attivitajiet konnessi mat-Teatru Manoel. Jghid li l-interess pubbliku jikkonsisti fil-prestigju tat-Teatru bil-fatt li dan ikollu a disposizzjoni tieghu *cafeteria* u *restaurant* sabiex jattira aktar nies u joffri servizz aktar komplet ta' promozzjoni u espressjoni kulturali. L-intimat ikompli li dawn il-fondi gew esproprjati mill-Gvern imma

---

[5] Fol. 38.

qed jigu gestiti mill-*Manoel Theatre Management Theatre* li huwa appunta biex jippromwovi l-kultura.

**36.** Skont **l-Artikolu 5 tal-Kap. 88:**

“L-awtorità kompetenti tista’ takkwista art mehtiega ghal skop pubbliku, sew –

“(a) b’xiri assolut taghha; jew

“(b) ghall-pussess u uzu taghha ghal zmien determinat jew matul dak iz-zmien illi l-bzonnijiet tal-iskop pubbliku jkunu jitolbu; jew

“(c) b’dominju pubbliku:

“Izda b’dan ukoll illi meta l-art jehtieg li tigi akkwistata ghan-nom u ghal uzu ta’ terza persuna ghal skop li ghandu x’jaqsam ma jew iservi ghal interess pubbliku jew utilità pubblika, l-akkwist ghandu, f’kull kaz, isir b’xiri assolut tal-art.”

**37.** Illi skont l-Artikolu 2 tal-Kap. 88 l-iskop pubbliku hemm kontemplat ma jeskludix il-possibilita` li l-akkwist ikun jinvolvi interess ta’ terz; tant hu hekk li ‘skop pubbliku’ huwa definit, fost ohrajn, bhala dak l-iskop “li ghandu x’jaqsam ma’ jew jiswa ghall-interess jew qadi tal-pubbliku” (sew jekk l-art tkun ghall-uzu tal-Gvern sew jekk le. (ara Q.K. **Abdilla vs Onor Seg.**et 30/10/2003). Il-proviso tal-Artikolu 5 tal-Kap. 88 pero` jipprovdi li l-akkwist tal-art ghandu jsir b’xiri assolut meta t-tehid isir ghan-nom u ghall-uzu ta’ terza persuna, dan apparti l-aspett ta’ interess jew utilita` pubblika.

**38.** Ghalkemm huwa minnu li l-azzjoni odjerna hija wahda dwar stharrig gudizzjarju, dak li qalet il-Qorti Ewropeja fir-rigward tas-sinjifikat tat-terminu *“the public interest”* dwar l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, huwa rilevanti wkoll fid-determinazzjoni ta’ jekk fil-kaz in ezami t-tehid sarx biss fl-interess privat nonostante li gie dikjarat li l-fond kien mehtieg ghal skop pubbliku. Il-Qorti Ewropeja rriteniet illi *“a deprivation of*

*property effected for no reason other than to confer a private benefit on a private party cannot be "in the public interest". Nonetheless the compulsory transfer of property from one individual to another may, depending upon the circumstances, constitute a legitimate aim for promoting the public interest".* Din l-enuncjazzjoni ta' principju fil-kawza **James and others** (1986) giet ulterjorment elaborata fl-istess gudizzju hekk:
*"The taking of property effected in pursuance of legitimate social, economic or other policies may be "in the public interest" even if the community at large has no direct use or enjoyment of the property taken****". (****Ara Curmi* ***vs Kummissarju tal-Artijiet*** *4 ta' Frar 2009;* ***Mousu vs Direttur tal-Lottu Pubbliku*** *deciz u* ***Mario Cutajar noe. v. Il- Kummissarju ta' l-Art*** *et deciza fit- 30 ta' Novembru 2001.)*

**39.** Issa skont id-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta tal-2007 l-akkwist kien mehtieg ghall-skop pubbliku. Il-Qorti trid tezamina ezattament ghal xiex verament saret l-esproprjazzjoni. Skont id-dikjarazzjoni tal-President il-fondi kienu mehtiega mill-awtorita` kompetenti ghall-iskop pubbliku u li l-akkwist taghhom kellu jkun b'titolu ta' dominju pubbliku.

**40.** Skont ir-rikorrenti f'dan il-kaz ma kienx hemm skop pubbliku u t-tehid sar ghan-nom ta' terzi u ghalhekk l-esproprju kellhu jsir b'xiri assolut u mhux b'dominju pubbliku.

**41.** Fl-aggravju tieghu l-intimat isemmi li l-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha tat-8 ta' Jannar 2007 kienet diga` ppronunzjat ruhha li l-esproprju sar fl-interess pubbliku u pprecizat li l-vjolazzjoni kienet limitata ghall-isproporzjon fil-kumpens li s-sid kien qieghed jinghata taht is-sistema ta' akkwist b'titolu ta' pussess u uzu. L-intimat ikompli li ma kien hemm l-ebda tibdil fl-uzu tal-fond mertu tal-kawza wara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali u meta l-fond gie akkwistat b'titolu ta' dominju pubbliku.

**42.** Ir-rikorrenti ma taqbilx ma' l-interpretazzjoni li tah l-intimat tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali u

tissottometti li s-sentenza hija wahda komplessa u tabbraccja fiha diversi idejat li kkonkorrew flimkien biex wasslu lill-Qorti biex issib li kien hemm ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti. Huwa veru li l-esigwita` tal-kumpens offrut kien fattur importanti fid-decizjoni tal-Qorti izda ma kienx l-uniku fattur u l-Qorti ma naqsitx li tissottolinja l-uzu kummercjali li kien qieghed isir mill-fond u anke ddikjarat li dan l-uzu kien ha s-sopravent.

**43.** Ir-rikorrenti tinsisti li l-fond inghata lill-Manoel Theatre Management Committee, entita` distinta mill-gvern u din tatu b'titolu ta' kera lill-terzi[6] (hlief ghal xi tliet ikmamar li zammet bhala ufficcju) biex jintuza ghal skop kummercjali minn dawn entitajiet li l-ebda wahda minnhom ma hija l-Gvern. Dan sar ukoll minghajr ma gew segwiti tassattivament il-proceduri rikjesti mill-ligi f'Att dwar it-trasferiment ta' proprjeta` tal-Gvern.

**44.** Il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha tat-8 ta' Jannar 2007 kienet ikkonkludiet hekk dwar il-lezjoni tal-Aritkolu 1 tal-Ewwel Protokoll li hija rriskontrat li:

**"13.** Fl-isfond ta' dan kollu, din il-Qorti, anke jekk tasal biex taqbel ma' l-appellanti li l-allokazzjoni li originarjament saret tal-palazz lill-MTMC kienet saret fl-interess pubbliku u skond l-interess generali – u certament li l-Kumitat li jmexxi t-Teatru Manoel ikollu ufficini minn fejn jahdem u anke ambjent fejn jista' jippromwovi attivitajiet ohra ta' natura kulturali huwa ghan legittimu li jinkwadra perfettament kemm fin-nozzjoni ta' "interess pubbliku" kif ukoll f'dik ta' "interess generali" – maz-zmien jidher li l-element kummercjali ha s-sopravvent fuq konsiderazzjonijiet ohra. S'intendi, dan ma jfissirx li proprjeta` privata ma tistax tittiehed anke biex jigu promossi (anke jekk mill-privat) attivitajiet kummercjali li jkunu direttament, jew forsi anke indirettament, fl-interess pubbliku – ara f'dan ir-rigward is-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Marzu 2003 fl-ismijiet ***Emmanuela Vella pro et noe et v Kummissarju ta' l-artijiet et*** – izda meta si tratta ta' interferenza ma' proprjeta` privata meta l-iStat

[6] Fumia Limited u Patrimonju Publishing Ltd.

ikun ghadu ma akkwista kompletament dik il-proprjeta`, l-interess pubbliku ghandu jibqa' jissussiti ghall-perijodu kollu ta' dik l-interferenza. Jekk tali interess pubbliku jigi nieqes, allura tigi nieqsa wkoll il-bazi legittima ghal dik l-interferenza. **Din il-Qorti, wara li hasbet fit-tul, hi tal-fehma li aktar milli minhabba l-iskop li ghalih il-palazz qed jintuza issa, fil-kaz in dizamina hemm vjolazzjoni ta' l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll minhabba li l-appellata (u qabilha l-awturi taghha) qed tigi mitluba jgorru *"a disproportionate burden"*.** (emfazi ta' dina l-Qorti).

**45.** Fil-fehma tal-Qorti l-fatt li l-Qorti Kostituzzjonali ddecidiet li kien hemm *disproportionate burden* implicitament iddecidiet li l-esproprju kien fl-interess pubbliku u dan nonostante li ftit qabel hija kienet qalet li l-uzu kummercjali kien ha s-sopravvent. Fil-parti disposittiva tas-sentenza l-Qorti Kostituzzjonali pprecizat li l-vjolazzjoni tal-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll kienet tikkonsisti fin-nuqqas ta' proporzjonalita` u bilanc. Dan hu kkonfermat ukoll mill-fatt li l-Qorti Kostituzzjonali varjat is-sentenza tal-ewwel istanza li kienet sabet li l-uzu ma kienx fl-interess pubbliku[7] u minflok sabet li kien hemm vjolazzjoni abbazi ta' nuqqas ta' proporzjonalita` aktar milli abbazi tal-uzu li kien qed isir mill-fond.

**45.** Kieku l-Qorti Kostituzzjonali sabet li l-uzu ma kienx fl-interess pubbliku, kif kienet sabet l-ewwel Qorti, ma kienx ikollha ghalfejn taqleb is-sentenza tal-ewwel istanza u lanqas li tidhol fil-kwistjoni tal-kumpens li kellu jigi offrut lir-rikorrenti imma kienet tieqaf hemm ghax l-esproprjazzjoni kienet tkun nulla. Il-Qorti ma kienitx tqajjem il-kwistjoni ta' proporzjonalita` billi din il-konsiderazzjoni tidhol biss fejn l-esproprjazzjoni tkun saret

[7] Il-Prim'awla kienet iddecidiet li l-uzu li qed isir mill-fond 115 Triq it-Teatru kantuniera ma' 69 Triq l-Ifran, Valletta ma jissodisfax ir-rekwiziti tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja billi ma jirrizultax l-interess pubbliku u ghalhekk tiddikjara li l-Esproprjazzjoni li sehhet bid-dikjarazzjoni tal-Gvernatur pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fil-25 ta' Frar 1958 bhala nulla u bla effett u konsegwentement ordnat li l-fond imsemmi jigi rilaxxat favur ir-rikorrenti

skont il-ligi u ghall-interess pubbliku imma ma jkunx inzamm bilanc bejn l-interess generali u d-drittijiet fundamentali tal-individwu.

**46.** Il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha tat-8 ta' Jannar 2007 fuq imsemmija ddecidiet li l-iskop li ghalih jintuza l-annex tat-Teatru Manoel kien fl-interess pubbliku. Hi ddecidiet ukoll li l-Manoel Theatre Management Committee m'ghandux jigi kkunsidrat bhala terz. Qalet li ghalkemm dan il-Kumitat kien dahal fi ftehim ma' diversi entitajiet, xorta wahda l-iskop pubbliku baqa' jissussisti, ghalkemm kien ha s-sopravvent l-uzu kummercjali li kien qed isir, imma nonostante dan l-iskop pubbliku baqa' jinkwadra ruhhu fil-promozzjoni ta' attivitajiet ta' natura kulturali. Dak il-kumitat gie appuntat mill-Gvern biex iwettaq funzjoni pubblika fl-interess tal-kultura.

**47.** Illi wara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fuq imsemmija l-Gvern ha l-fond b'dominju pubbliku billi kien ghadu mehtieg ghall-istess skop pubbliku kif kien qabel u l-uzu baqa' ma nbidilx. Ma jirrizultax ghalhekk li l-esproprjazzjoni saret semplicement fl-interess tat-terz privat biex jaghmel uzu kummercjali mill-fond. Lanqas ma sar ebda trasferiment ta' art jew tal-fond lit-terz fl-interess privat tieghu. Il-fond huwa mmexxi mill-MTMC fl-isem il-Gvern u t-terzi li qed jaghmlu uzu mill-fond jistghu jinbidlu minn zmien ghal zmien izda l-iskop baqa' l-istess anke meta sar t-tieni tehid. L-annex baqa' jintuza bhala parti mit-Teatru Manoel ghalkemm kien hemm ukoll uzu kummercjali minn terzi li pero` minnu jibbenefika wkoll l-pubbliku u l-istess Teatru kif fuq inghad.

**48.** Din il-Qorti ghalhekk tikkonkludi li l-gestjoni tal-annex minn dan il-Kumitat ma tistax tigi kkunsidrata bhala esproprju ghan-nom u fl-interess ta' terzi fit-termini tat-tielet proviso tal-Artikolu 5 tal-Kap. 88 ghalhekk il-Gvern ma kienx tenut li jixtri l-fond b'xiri assolut.

**49.** Illi l-aggravju ta' intimat appellant qed jigi milqugh.

**50.** Ir-rikorrenti tilmenta wkoll fl-appell taghha u senjatament fit-tieni aggravju taghha li l-kontestazzjoni fil-

kawza odjerna m'hijiex biss fuq jekk it-tehid kienx wiehed *intra vires* jew *ultra vires*, imma dwar il-kuncett shih ta' stharrig gudizzjarju. L-Artikolu 5(3) tal-Kap. 88 kien wiehed biss mill-fatturi li jirrenduh *ultra vires*. Tghid wkoll li hemm kwistjonijiet ohra bhal ma hi dik tad-diskriminazzjoni li jaghmlu l-att *ultra vires*. Isemma mill-abbli difensur tar-rikorrenti wkoll fit-trattazzjoni l-fatt li bit-tehid il-gdid b'dominju pubbliku s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-8 ta' Jannar 2007 giet reza mhux enforzabbili. Ir-rikorrenti ssostni li t-tehid ma kienx hlief stratagemma eskogitata mill-Gvern biex jiehu l-proprjeta\` taghha minghajr ma jkollu verament ihallas il-valur li tiswa fis-suq, cioe\` zewg miljun Liri Maltin.

**51.** L-intimati wiegeb li l-Kap. 88 jaghti diskrezzjoni lill-Gvern illi jaghzel hu b'liema metodu jakkwista l-pussess tal-proprjeta\`. Il-fatt biss li l-Gvern ikun akkwista b'titolu u mhux b'iehor ma jistax jigi kkunsdirat bhala att diskriminatorju imma ezercizzju ta' diskrezzjoni bazata fuq fatti partikolari. F'dan il-kaz l-akkwist b'titolu ta' dominju pubbliku bil-kundizzjonijiet offruti, huma oggettivament gustifikabbli u beneficcjali ghar-rikorrenti. Hu jsostni li l-kumpens offrut lir-rikorrenti ta' Lm21,000 huwa kumpens altru li adegwat u gust konsidrat li parti sostanzjali tal-fond gie mibni mill-gdid mill-Gvern, irrestawrat minnu u ghada ssir manutenzjoni tieghu a spejjez tal-Gvern minghajr ma r-rikorrenti qatt hareg xejn.

**52.** Din il-Qorti taghmel referenza ghal provvediment tal-Qorti Prim'awla tal-10 ta' April 2007 li kien jirrigwarda talba mill-intimat ghal thassir tal-mandat ta' zgumbrament li r-rikorrenti kienet harget kontra tieghu wara s-sentenza Kostituzzjonali. Dik il-Qorti ddecidiet li r-rikorrenti ma kienitx korretta meta qalet li s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tghid illi "l-uzu kummercjali li kien qieghed isir mill-fond kien tali li ma jiggustifikax it-tehid"[8] u ma kienitx qablet li kien hemm xi pjan ezkogitat mill-intimat biex jiehu l-proprjeta\` tar-rikorrenti minghajr ma jikkumpensaha kif suppost. Il-Qorti qalet hekk:

[8] Fol. 79 tal-process.

“Din il-qorti ghalhekk ma tarax li tista’ tghid illi, sakemm l-uzu jibqa’ dak li hu, it-tehid bit-titolu l-gdid ta’ dominju pubbliku huwa biss mezz ta’ evazjoni tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali. Ikun, izda, mezz ta’ evazjoni jekk, bit-titolu ta’ dominju pubbliku, l-intimata xorta tkun qieghda ggorr piz sproporzjonat biex jinqeda l-interess pubbliku”……

Certament, li kieku z-zjieda kienet biss wahda simbolika din il-qorti kienet tghid illi r-rikorrent mexa *in mala fide*, manifestament biex jevadi s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali. Fic-cirkostanzi, izda, ma tarax kif tista’ tghid illi zjieda minn mitejn u ghaxar liri (Lm210) ghal wiehed u ghoxrin elf lira (Lm21,000) fis-sena hija wahda biss simbolika”.

**53.** Fuq il-kwistjoni sollevata mir-rikorrenti li d-diskriminazzjoni hi rilevanti f’azzjoni ta’ stharrig gudizzjarju billi att diskriminatorju huwa *ultra vires* il-poteri tal-Gvern ghas-semplici raguni li l-Gvern m’ghandu l-ebda poter jew diskrezzjoni li jiddiskrimina, din il-Qorti taqbel mar-rikorrenti li fil-kuntest tat-talba taghha dwar stharrig gudizzjarju taht l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 il-Qorti tista’ tistharreg jekk l-agir tal-Awtorita` kompetenti kienx, apparti ragunijiet ohra, diskriminatorju wkoll u indipendentement minn kwistjonijiet ta’ ksur ta’ drittijiet tal-bniedem[9].

**54.** Ir-rikorrenti tghid ukoll li f’dan il-kaz l-att innifsu u cioe` t-tehid tal-fond b’dominju pubbliku, kienx ukoll diskriminatorju apparti li kien kontra l-Artikolu 5 tal-Kap. 88.

---

[9] App. 5 ta’ Ottubru, 2001, Cit. Nru. 996/95 **Kenneth Abela vs Onorevoli Ministru ghall-Ambjent et**; P.A. Cit. Nru. 1908/2001/ **Dr. Emmanuel BORDA vs Professur Roger ELLUL-MICALLEF;** App; 9 ta' Marzu, 2007 Cit.Nru 2959/1996 **Lawrence Borg noe et v. Gvernatur tal-Bank Centrali ta’ Malta;** App. 6 ta' Lulju, 2007 Cit.Nru. 276/2000/1 **Kevin Falzon v. Il-Prim Ministru u l-Kummissarju tal-Pulizija;** App.16 ta' Novembru, 2004 Cit. Numru. 1164/1995 **Denis Tanti v. Prim Ministru, Ministru ghall-Izvilupp Socjali et.**

**55.** Hu maghruf, u anke accettat, *in linea* ta' principju generali, illi n-natura u l-indoli tal-azzjoni ghandhom jigu dezunti mit-termini tal-att li bih jinbdew il-proceduri (**Kollez. Vol XLII pI p86**). Hi wkoll regola procedurali, sostenuta mill-gurisprudenza, illi l-kawzali tad-domanda ossija r-raguni guridika tat-talba, oltre li ghandha tigi mfissra car u sewwa, ma tistax tigi mibdula jew aggunta u l-Qorti ghandha toqghod ghat-talba kif tkun giet imfissra fl-att tac-citazzjoni (**Kollez. Vol. XXXIV pI p85**).

**56.** Illi fil-kaz in ezami t-talba rikorrenti hija wahda cara u l-Qorti ntalbet biex tistharreg jekk it-tehid taht titolu ta' dominju pubbliku tal-proprjeta` mertu ta' din il-kawza jikkostitwix ghemil illi huwa *ultra vires* ghall-poteri tal-intimati jew le u dan *"... in vista tal-uzu minn terzi ghal liema l-istess proprjeta` hija destinata...".* Hu t-tehid taht titolu ta' dominju pubbliku li kellu jigi kkunsidrat jekk huwiex wiehed abbuziv u *ultra vires* u mhux it-tehid in generali jew mod iehor. Din it-talba diga` giet trattata u deciza iktar 'il fuq. Kwistjonijiet ohra dwar diskriminazzjoni u kumpens jesorbitaw mill-ambitu tal-kawza kif impustata. Huwa veru li, kif gia` osservat din il-Qorti, ir-raguni ta' diskriminazzjoni, bhal ragunijiet ohra (irragonevolezza, *audi alteram partem* etc) hija element fl-ezercizzju tas-stharrig gudizzjarju, izda r-rikorrenti ghazlet hi x'kien l-element li fil-fehma taghha jirrendi l-att l-*ultra vires*. Infatti r-rikorrenti stess ghamlet riserva fit-talba taghha ghal kwistjoni dwar diskriminazzjoni u kumpens u ccentrat it-talba biss kif fuq indikat. Jigi rilevat ukoll li l-kwistjoni dwar diskriminazzjoni giet sollevata principalment fl-eccezzjoni tal-intimat, aktar milli kienet il-kawzali li fuqha r-rikorrenti kienet ibbazata t-talba taghha. L-ewwel Qorti ddecidiet fuq it-talba kif maghmula.

**57.** Nonostante dan pero` din il-Qorti l-istess thoss li r-rikorrenti ma gabet ebda paragun ma' xi kaz simili ghal taghha li gie trattat b'mod differenti f'cirkostanzi simili[10],

[10] *"The Court points out in the first place that, according to its case-law, Article 14 will be breached where, without objective and reasonable justification, persons in "relevantly" similar situations are treated differently. For a claim of violation of this Article (art. 14) to succeed, it has therefore to be established, inter alia, that the situation of the alleged victim can be considered similar to that of persons who have been better*

bhal per ezempju t-triq fejn jinsab il-fond taghha u triqat ewlenin ohra fil-Belt Valletta, u l-uzu ristrett li ghalih il-fond jista’ jintuza. Il-fatt li l-Gvern akkwista b’titolu ta’ dominju pubbliku fi ftit kazijiet biss mill-1982 ‘il quddiem (ara fol. 693) ma jikkonvincix lil din il-Qorti li l-appellanti giet trattata b’mod diskriminatorju. L-intimat ghandu diskrezzjoni wiesgha skont il-Kap. 88 u ma ntweriex li hu ma kkunsidrax il-fatti kollha rilevanti tal-kaz jew li l-agir tieghu ma kienx oggettivament gustifikat. L-intimat semma li ghalkemm ma hemmx *policy* formali li fuqha jimxi f’dan il-kaz il-Gvern ha dan il-fond b’dominju pubbliku billi dan kien diga` ghandu b’pussess u uzu.

**58.** Ghalhekk l-aggravju tar-rikorrenti appellanti ma jistax jigi milqugh.

**Decide**

**59.** Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi (i) tichad l-appell tar-rikorrenti; (ii) tichad (1) u (7) aggravju tal-intimat appellant; (iii) u tilqa’ (2) u (3) aggravju tal-intimat u konsegwentement tirrevoka s-sentenza appellata. L-ispejjez tal-ewwel istanza u ta’ dan l-appell jinqasmu kwantu ghal zewg terzi ghar-rikorrenti u terz ghall-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

*treated (see the Fredin v. Sweden (no. 1) judgment of 18 February 1991, Series A no. 192, p. 19, para. 60)”.* ***Spadea and Scalabrino v. Italy****. 28/9/1995.*